FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

Onor. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS , 18 t' April, 2002.

Appell Nru. 16/2002

IL-PULIZIJA

(Spettur Mario Buttigieg .)

vs.

SAVIOUR BORG D' ANASTASI .

Il-Qorti,

Rat l-akkuza li biha l-appellant gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 t'Ottubru , 1999 , u matul dawn il-granet , f' 16 u 18, il-Gifen , Triq G. Galilei , Mellieha, :-

1. naqas li jzomm fi stat tajjeb it-tiswija tal-fossa;
2. naqas li jiehu dawk il-passi mehtiega biex ebda materjal ma jiskula jew inixxi mill-fossa u biex ma jkun hemm ebda haga li taghti fastidju fil-bini tieghu innifsu jew ta' haddiehor .
3. bit-talba lill-Qorti , biex, barra milli taghti l-piena , tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali li jidhrilha xieraq fin-nuqqas.

Rat il-verbal registrat fis-16 ta' Frar, 2001 quddiem dik l-istess Qorti fejn jintqal "interalia" :-

"Xehed l-imputat Saviour Borg D' Anastasi u esebixxa kopja tal-I.D. Card." (Fol. 11)

Rat l-esebiti a fols. 12 , 13, 15 u 16 a tergo tal-process minn fejn jidher li l-imputat gie indikat daqqa bhala Borg Saviour, D'Anastasi Saviour , Borg Saviour fi tlitt hargiet tar-Registru Elettorali u bhala Saviour Borg D' Anastasi fit-Telephone Directory . kif ukoll l-identity card (Fol-20 a tergo) fejn l-imputat hu indikat bhala D'Anastasi Saviour .

Rat ir-rikors tal-imputat appellant taht l-isem ta' Saviour Borg D'Anastasi li bih talab li l-Qorti tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza u tordna il-korrezzjoni ta' isem l-imputat sabiex minn Saviour Borg D' Anastasi jigi mibdul ghal Saviour D'Anastasi u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega li dik il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi .

Rat id-Digriet tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu, 2001 li bih cahdet it-talba .

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar, 2002, li biha sabet lill-appellant hati skond l-akkuza u wara li rat l-Avviz Legali 177(I) (ii) Kap.10 ordnat lill-appellant jiehu dawk il-passi necessarji sabiex il-fossa terga tigi fi stat tajjeb ta' tiswija taht supervizjoni tal-perit Valerio Schembri u dan f'terminu ta' xaharejn . Inoltre ikkundannatu ihallas LM50 f'emendi u jekk dak iz-zmien jghaddi inutilment , l-imputat hu kundannat multa ta' LM2 kulljum u il-Qorti ordnat ai termini tal-Art. 321 tal-Kap.10 lill-Kummissarju tal-Pulizija b' assistenza tas-Sanita' jesegwixxi dan ix-xoghol biex jitnehha dan l-inkonvenjent a spejjez tal-imputat .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant "Saviour Borg D'Anastasi " tat-28 ta' Jannar, 2002 li bih talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u dana peress li is-sentenza hija nulla u zgur li bl-ebda mod ma tista' tigi enforzata kontra l- appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma li l-appellant fil-fatt ma jismux Saviour Borg d'Anastasi u li ghalkemm hu kien talab korrezzjoni fic-citazzjoni quddiem l-ewwel Qorti biex ismu jigi korrett , l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tieghu , u konsegwentement is-sentenza ma tistax tkun esegwibbli kontra tieghu ,li l-akkuza li biha gie notifikat l-appellant ma kienx hemm indikat fiha il-ligi jew ligijiet , regolament jew regolamenti li tahthom jew a bazi taghhom l-appellant gie akkuzat ; li l-ewwel Qorti naqset li tinnomina perit tekniku u li f' kull kaz l-piena kienet harxa wisq .

Rat Id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu, 2002 li bih ordnat lill-appellant li jgib kopja tal-att tat-twelid tieghu .

Rat il-kopja tal-Att tat-Twelid shih tal-appellant esebita minnu fis-seduta tal-11 t'April, 2002 .

Semghet it-trattazzjoni .

Ikkonsidrat ,

Illi hu oivvju u opportun li din il-Qorti ghandha tikkonsidra qabel xejn l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza u li din mhux esegwibbli kontra l-appellant li qed jghid li jismu "SAVIOUR D'ANASTASI" anki kif jidher mill-karta tal-identita' tieghu u l-passaport tieghu li kopji taghhom jinsabu esebiti fil-process (fols. 31 , 32 u 64 tal-process) .

Illi mill-Att tat-Twelid esebit fuq ordni tal-Qorti jidher li l-appellant twieled fil-21 t'Awwissu, 1933 minn Antonia Borg xebba (nubile) u "Padre ignoto" . Illi pero' "a tergo" tal-istess att tat-twelid hemm annotazzjoni li tghid testwalment hekk :-

> "At the request of Notary Dr. Marius Said on behalf of the hereinmentioned Salvatore D'Anastasi , it is hereby noted that by a deed in the records of the said Notary Dr.M.Said of the 7th. November , 1960 , Salvatore D'Anastasi , Government employee, son of the late Joseph and of the late Carmen nee' Portelli , born and residing at Rabat , Malta, had acknowledged as his own son the hereinmentioned child "Saviour"
> " A true copy of the abovementioned deed is attached together with the request of the original of this act of birth."
> 14th. November, 1960 ,
> J. Scicluna, Dir.

Illi minn dan id-dokument jidher li l-appellant kien gie rikonoxxut minn missieru Salvatore D'Anastasi b'kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1960 . Issa skond l-art. 92 (1) Kodici Civili , tifel illegittimu , jekk ikun gie maghruf b'ibnu mill-missier , jiehu il-kunjom tal-missier , li mieghu jista' izid il-kunjom ta' l-omm ,

diversament jiehu il-kunjom tal-omm . Pero' skond is-subinciz (2)(b) ,it-tehid ta' kunjom il-missier japplika biss - fil-kaz ta' persuna maghrufa mill-missier QABEL l-l ta' Jannar, 1966 - fil-kaz ta' persuni li jigu dikjarati mill-Qorti li kienu dejjem igibu kunjom il-missier u din id-dikjarazzjoni tista' tinghata biss f'kawza migjuba permezz ta' citazzjoni u l-Qorti li taghmel din id-dikjarazzjoni ghandha tordna li tigi registrata fir-Registru Pubbliku permezz ta' nota fil-margini tar-registrazzjoni relattiva fir-registru tal-att tat-twelid.

Illi kjarament il-kaz tal-appellant jaqa' taht it-tieni subinciz u sub-sub inciz (b) tal-art. 92 u biex hu jigi maghruf bil-kunjom ta' missieru "D'Anastasi" kien jehtig li jkun hemm dikjarazzjoni tal-Qorti Civili u li is-sentenza tigi segwita bl-ordni ghar-registrazzjoni . Mill-att tat-twelid esebit ma jidhirx li saret tali citazzjoni u li kien hemm xi dikjarazzjoni tal-Qorti li taghti lill-appellant il-jedd li jiehu kunjom missieru s'issa al menu . Ma saret ebda prova quddiem din il-Qorti ta' tali kawza u dikjarazzjoni u ghalhekk il-pozizzjoni legali kif tohrog mill-art. 92 (2) (b) fuq imsemmi hi li ghalkemm l-appellant ghad ghandu id-dritt li jipprocedi biex jiehu kunjom missieru , dan jidher li ghadu ma ghamlux . Ghalhekk sal-lum hu intitolat biss li jgib kunjom ommu "BORG" biss . Kieku stess saret tali kawza u hemm dikjarazzjoni f'dak is-sens kunjom l-appellant kien ikun "D'Anastasi" jew "D'Anastasi Borg" u mhux "Borg D'Antastasi" f'kull kaz .

Ghalhekk minkejja kull dokument iehor li gie esebit fil-process l-isem korrett tal-appellant sal-lum hu "SALVATORE BORG" u mhux "Saviour Borg D'Anastasi" .

Konsegwentement meta hu gie imharrek bil-kunjom "Borg D'Anastasi " dan ma kienx legalment korrett u preciz u l-appellant ghandu ragun jilmenta minn dan , ghalkemm lanqas ma hu korrett fejn jghid li kunjomu hu "D'Anastasi" sakemm ma jipprocedix skond l-art. 92 tal-Kodici Civili, haga li sal-lum ma jirrizultax li ghamel.

F' kull kaz pero' jirrizulta li is-sentenza appellata inghatat fil-konfront ta' persuna li m'ghandix il-kunjom korrett u preciz tal-appellant .

Illi pero' kif korrettement issottometta l-abbli prosekutur , dan ma jgibx ghan-nullita' tas-sentenza appellata imma jista' jwassal biss ghall-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li is-sentenza appellata mhux esegwibbli kontra l-appellant odjern li kunjomu proprju s'issa hu "BORG" biss u mhux "BORG D'ANASATASI " kif gie imharrek u sentenzjat ; (Ara fir-rigward is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawzi "Pulizija vs. Anthony Salomone" (8.6.89) u " Pulizija vs. Rose Jane Zammit " (3.2.95) .

Illi ghalhekk l-aggravju tal-appellant hu fondat in kwantu talab id-dikjarazzjoni li is-sentenza appellata ma tistax tigi esegwita kontra tieghu .

Illi dwar l-aggravju li hu ma giex mgharraf bl-artikoli tal-ligi jew regolamenti li tahthom kien qed jigi akkuzat , dan hu manifestament infondat ghax dan mhux rikjest bil-ligi . Di fatti l-art. 360 (2) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi x'ghandu jkun fiha ic-citazzjoni , ma jsemmix dan ir-rekwizit fost id-dettalji kollha li jinkludi li ghandhom ikunu inkluzi fic-citazzjoni , kuntrarjament ghal dak li hu provvdut fl-art. 382 tal-istess kodici li jghid li is-sentenza ghandha issemmi "l-artiklu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat" vot li gie osservat mill-ewwel Qorti fis-sentenza Taghha .

L-istess hu infondat l-aggravju li l-ewwel Qorti ma nnominatx perit tekniku , ghax il-Qorti mhux obbligata li taghmel dan u l-hatra ta'periti hija fakoltattiva ghal kwalunkwe Qorti .

Illi l-aggravju li l-piena hi harxa wisq, din il-Qorti diversament preseduta u anki kif preseduta irriteniet ripetutament li il-piena inflitta mill-ewwel Qorti m'ghandix tigi disturbata sakemm tkun entro il-parametri legali u mhux manifestament sproporzjonata , li din il-Qorti thoss li mhux il-kaz fil-kawza in ezami . Ghalhekk anki dan l-aggravju hu infondat .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatatament billi tiddikjara li is-sentenza appellata - li qed tigi konfermata "in toto " - taghmel stat biss fil-konfront ta' Saviour Borg D'Anastasi u mhux kontra l-appellant li kif fuq inghid jirrizulta li jismu : "SALVATORE BORG" .

(ft) J. Galea Debono,
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
18.4.2002.